**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Godwin Zarb**

**Kumpilazzjoni Numru: 299/17**

**Illum, 31 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Godwin Zarb detentur tal-karta tal-identita` numru 71363M:

**Akkuzat talli nhar it-23 ta' Jannar 2016 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghaxija (08:45Hrs), fi Triq Sant Andrija, Swieqi:**

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' martu Marthese Zarb u dan ai termini tal-artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fl-istess jum u lok, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ibnu, Stephen Zarb, u dan ai termini tal-artikolu 226(10)b) tal-Kapitolu 9;

3. Talli saq b'manjiera traskurata u perikoluza, u dan ai termini tal-artikolu 15(1)(b) u (c) ta-Kapitolu 65;

4. Talli ghamel hsara involontarja fuq il-vettura ta' ghamla Fiat, mudell Punto, bin numru tar-registrazzjoni DBJ907, u dang had-dannu ta' Carlo Montebello, ai termini tal-artikolu 326 tal-kapitolu 9;

5. Talli ma hax l-prekawzjonijiet mehtiega meta hareg mill-*Wembley Service Station* u dan ai termini tal-artikolu 82(2) tal-Kapitolu 65.11, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru 2020 fejn intalab li tinstab htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe':-

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament Tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 328 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 82 tal-Ordinanaza Dwar ir-Regolament Tat-Traffiku, Kapitolu 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-atti tal-proces verbal bin-numru 2614/2017 redatt mill-Magistrat Anthony G. Vella.

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri jittrattaw incident stradali li gara fit-Triq principali ta' Pembroke hdejn il-Luxol, u li fih spiccat mietet il-mara tal-imputat li kienet passiggiera fuq quddiem mal-imputat u t-tifel taghhom li kien riekeb fuq wara.

Illi din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel riassunt tax-xhieda principali f'dawn il-proceduri.

Illi xehed **Carlo Montebello** li qal li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar 2016 fid-disgha neqsin kwart ta' filghaxija (08:45pm) kien niezel mill-Madliena bil-vettura tieghu Fiat Punto u kien hemm xi hadd li kien hiereg mill-pompa tal-petrol tal-Wembley u ghamel U-Turn fejn kien hemm double line. Jghid illi wara li sar l-impatt

hareg ir-ragel l-iehor u qallu li l-akkuzat ma kienx rah. Hu jghid illi kagun tal-impatt ha daqqa fil-pulmun u beda jaqta' nifsu. Ix-xhud jghid illi dakinhar ma kienx liebes seatbelt ghaliex huwa ghandu certifikat minghand it-tabib li m'ghandux ghalfejn jilbes minhabba kundizzjoni medika.

Rat ir-rapport tal-espert nominat fl-inkjesta Magisterjali u cioe' tal-<u>**Perit Richard Aquilina**</u> li ghamel is-segwenti kostatazzjonijiet:

*"(A) Karrozza Mazda Nru. FAF 165 kulur ahmar, li kellha l-gemb tax-xellug mahbut mal-hajt. Din il-karrozza kellha:*

*(i) Iz-zewg bibien u l-mudguard ta' wara xellug mitfugha l-gewwa;*

*(ii) Ir-rota ta' wara xellug kienet imdawwra;*

*(iii) Ir-windscreen kien imfarrak;*

*(iv) Is-saqaf, li gie maqtugh mill-membri tal-Protezzjoni Civili, deher li kien imbewwaq;*

*(v) Din il-karrozza kienet imrikkba fuq gandott imhaffer fit-triq.*

*(B) Karrozza Fiat Punto Nru. DBJ 907 kulur metallic silver li kellha:*

*(i) daqqa kbira fuq quddiem, bil-bonnet u mudguard mitfugha lura;*

*(ii) il-bumper ta' quddiem kien imfarrak;*

*(C) Brakemarks 1---3 u 4---6. Dawn inqtghu ftit qabel il-karozza Fiat Punto.*

*(D) Frak ta' zebgha lewn il-Fiat Punto Nru. DBJ 907.*

*(E) Bicctejn zebgha hamra lewn il-Mazda Nru. FAF 165.*

*(F) Roqgha mdaqqsa bil-bicciet tal-Plastic taz-zewg karozzi. Din ir-roqgha kienet testendi sa cirka 15 il-metru l-boghod minn fejn kienet il-Mazda FAF 165.*

*It-triq kienet xotta. It-triq kellha linja doppja kontinwa f'nofs it-triq, izda din il-linja kienet maqtugha quddiem is-Service Station."*

Illi rat ukoll il-konkluzjonijiet tal-espert <u>Av. Mario Buttigieg</u> fejn ikkonkluda s-segwenti:

*"Illi dan l-incident stradali sehh gewwa Triq San Andrija, San Andrija meta Carlo Montebello kien qed isuq il-vettura tieghu ta' ghamla Fiat mudell Punto li ghandha n-numru*

*tar-registrazzjoni DBJ 907. Kien is-Sibt it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), ghall-habta tad-disgha neqsin kwart (20:45) ta' filghaxija u skond l-evidenza li l-esponent kellu f'idu u anki meta l-esponent ghamel l-access it-temp kien tajjeb u car u minn dak l-att il-visibilita' kienet tajba ghalkemm kien dalam. Illi b-bozzoz pubblici kienu kollha mixghula.*

*Minn naha l-ohra kien hemm sewwieq iehor Godwin Zarb kien qed isuq vettura ta' ghamla Mazda mudell 2, bin-numru tar-registrazzjoni FAF 165. Illi fil-vettura kien hemm rikbin mieghu l-mara tieghu li jisimgha Marthese Zarb li kienet riekeb fuq wara. Illi Godwin Zarb kien hiereg mill-pompa tal-petrol maghrufa bhala "Wembley Service Station" u kien hiereg go triq principali. Illi kif pasam il-karreggjata giet vettura mid-direzzjoni ta' Pembroke u sehhet il-kollizjoni. Konsegwenza tal-istess habta l-vettura ghamla mazda waqghet go gandott.*

*B'konsegwenza tal-habta weggghu gravi Marthese Zarb u binha Stephen Zarb. Illi Stephen Zarb gie ccertifikat li kellu*

*griehi gravi. Illi Marthese Zarb giet certifikatha li kienet fil-periklu tal-mewt. L-iSpettur Elton Taliana li huwa l-fizzjal investigattiv minn naha tal-Pulizija f'dan l-incident gharraf lil Onorabbli Qorti bl-akkadut li minn naha taghha ghogobha tordna inkjesta u tahtar lill-esponent fosthom ohrajn bhala espert sabiex jinvestiga, jigbor ix-xhieda u jipprepara r-relazzjoni tieghu.*

*Minn dal-incident jirrizulta li dan l-incident sehh fis-salib it-toroq, u ghaldaqstant il-vizibilita' ghas-sewwieqa ma kinitx ristretta minn ebda ostakli. Illi l-esponent huwa tal-fehma illi meta Zarb kien ser johrog mill-Wembley Service Station ghal go triq principali hu naqas milli jiehu il-prekawzjonijiet mehtiega u aggixxa bi grad ta' negligenza. Illi b'dan l-agir kkawza l-mewt ta' martu Marthese Zarb, l-griehi gravi fuq ibnu Stephen Zarb, l-griehi hfief fuq Carlo Montebello u hsarat fuq propjeta.*

*Ghaldaqstant l-esponent qieghed umilment jissuggerixxi illi hemm bizzejjed elementi prima facie illi juru illi Godwin*

*Zarb jista jitressaq quddiem l-Onorabbli Qorti fost ohrajn taht is-sussegwenti akkuzi:-*

1. *Illi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna l-mewt ta' martu Marthese Zarb u dan ai termini tal-artikolu 225(1) tal-Kap 9;*
2. *Illi fl-istess jum u lok ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ibnu Stephen Zarb u dan ai termini tal-artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9;*
3. *Li saq b'manjiera traskurata u perikoluza u dan ai termini tal-artiklu 15(1)(b) u (c) tal-Kap 65;*
4. *Li ghamel hsara involuntarja fuq il-vettura ta' ghamla Fiat mudell Punto bin-numru tar-registrazzjoni DBJ 907 u dan ghad-dannu ta' Carlo Montebello u dan ai termini tal-akkuza 326 tal-Kap 9;*
5. *Li ma hax l-prekawzjonijiet mehtiega meta hareg mill-Wembley Service Station u dan ai termini tal-akkuzi artikolu 82(2) tal-Kap 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat ir-rapport tal-patologisti l-<u>**Professur Marie Therese Camilleri Podesta'**</u> u <u>**Dr Ali Salfraz**</u> fejn iccertifikaw li mart l-akkuzat mietet minhabba emoragija celebrali.

Illi l-espert mediko-legali <u>**Dr Mario Scerri**</u> kkonferma l-mewta ta' Marthese Zarb minhabba trawma vjolenti fir-ras. A rigward Stephen Zarb, l-espert ikkonferma illi dan sofra minn lacerazzjoni fil-milsa li pero' ma hallitx debilita' permanenti pero' hija kklassifikata bhala lezjoni gravi per durata.

Semghet ix-xhieda ta' bin l-akkuzat u cioe' <u>**Stephen Zarb**</u> li wara li nghata d-dritt li jaghzel jekk riedx jixhed, stqarr illi qabel l-incident kien riekeb gol-karrozza ta' missieru fuq is-seat ta' wara ezatt wara ommu li kienet passiggiera fil-vettura tat-tip Mazda 121 FAF 165. Jghid *inter alia*:

*"Jien dak il-hin kont qed infittex il-hinijiet tal-vapur t'Ghawdex fuq il-mowbajl u kont qed nitkellem ma' ommi, niddiskutu l-hinijiet li ha jitilqu biex naqbdu l-vapur ta' filghodu, kmieni filghodu u naf zgur li wara certu hin missieri saq il quddiem umbaghad hassejt il-karozza ddur,*

*smajt brejk qawwi ta' tajers iwerzqu u kif harist e mbaghad hemmhekk splodiet, ma nafx jekk hbattx rasi mat-tieqa. Ma, ma nafx x'gara mbaghad. Naf zgur li hassejt il-karrozza ddur, iddur umbaghad ergajna waqafna gol-hajt kif nidhru fir-ritratti imma ma nistax, ma nafx. . . .*

*Issa l-karrozza, min kien gej fuqna nahseb jien giet fuq in-naha tal-, tal-bieba tieghi fejn kont qieghed bilqieghda jien. Minn hekk il-karozza, il-karozza daret darba u wehlet gol-hajt umbaghad li hemm maqlugh, li kienu qed jirrangaw fejn hemm it-trinka".*

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi fil-kaz odjern id-dover tal-Prosekuzzjoni hu li jipprezenta quddiem il-Qorti kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u

simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalità minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attività diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibiltà tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti. Hemm 1) l-imprudenza, li tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; 2) in-negligenza, li tigi mid-dizattenzjoni u dizakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu; u 3) l-imperizja; li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe` kif jghid **Manzini**:- *"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto"*.

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il-High Way Code – Motor Vehicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibilitajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Illi l-Qorti ser tezamina x'inhuma r-rekwiziti tar-reat principali in ezami, u cioe` dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9, u cioe` tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe` l-omicidju involontarju.

L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 jiddisponi s-segwenti:

> *"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ...".*

Illi ghalhekk wiehed irid jifli l-elementi li jikkostittwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioe`:- 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew

b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti; 2. ikkaguna l-mewt; 3. fuq persuna.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet Il-<u>Pulizija vs Richard Grech</u> il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe` fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh*

*fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi l-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu Teoria delle Obbligazione (1127 pagna 46) jghid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. *la volontarieta` dell'atto*; 2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo*; u 3. *la possibilita` di prevedere*.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *culpa*, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa l-volontarjeta` tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti

dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.

Illi f'kazijiet bhal dak odjern, il-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid ukoll tipprova n-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema ness irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe` li tammonta ghal *criminal misconduc*t (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kkuluriti b'verzjonijiet varji. U mbaghad fejn ma jkunx hemm

xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbiltà kriminali tal-akkuzat.

Illi fil-kaz odjern sfortunatament l-unici provi certi u li jistghu jitfghu dawl fuq l-incident l-esperti li kienu nominati fl-inkjesta.

Illi dwar id-dinamika tal-incident dak li gie stabbilit mix-xhieda hu li l-akkuzat ghamel U-Turn fejn hareg mill-pompa tal-petrol tal-Wembley biex jinzel lejn Tas-Sliema.

Illi minghajr dubju rrizulta mill-atti illi l-imputat Godwin Zarb ghamel manuvra illegali meta ddecieda li jaghmel din il-manuvra u jaqbez double yellow line. Madanakollu, dan ma jfissirx li awtomatikament it-tort tal-incident u kwindi l-mewt tal-mara tieghu huwa tieghu. Jirrizulta illi l-vizwali minn dak il-punt minn fejn kien qieghed jaghmel il-manuvra l-imputat kienet wahda tajba

u daqstant kienet l-istess il-vizwali minn fejn kien gej Montebello. Illi rrizulta wkoll illi qabel l-impatt il-karrozza ta' Montebello ghamlet break marks ta' xi erbatax (14)-il metru. Dan ifisser illi Montebello kien ghaddej b'velocità qawwija anke in vista tal-fatt li hu stess jghid illi meta ntebah mill-karrozza tal-imputat huwa beda jibbrekja izda kien kollu ta' xejn.

Illi din il-Qorti tirrimarka hawnhekk illi testijiet fuq Montebello bhal dawk tad-droga u alkohol ma ttiehdux u wisq anqas ma sar kalkolu mill-espert l-Av Mario Buttigieg ta' liema velocita' kien ghaddej din il-persuna. Pero' jekk mir-rapport tal-espert hareg illi l-ispeed limit dakinhar fuq il-post kien ta' hamsa u tletin (35) km/hr, dan certament kien ghaddej b'velocità qawwija hafna u hafna oltre' l-limitu ta' velocità f'dik it-triq.

Illi di piu' mill-hsarat li gew identifikati mir-rapport tal-espert il-Perit Richard Aquilina jirrizulta illi l-karrozza tal-imputat kellha impatti biss fuq in-naha tax-xellug tal-karrozza izda dik ta' Montebello kienu kollha frontali u cioe' li jindika illi kienet il-vettura ta' Montebello li dahlet fil-karrozza tal-imputat. Dan kollu juri illi l-imputat kien digà ghamel hafna mill-manuvra li kellu

jaghmel meta l-karrozza ta' Montebello impattat ma' tieghu bil-konsegwenza illi din daret dawra biex finalment dahlet fil-gandott li kien fil-genb tat-triq. Dan juri illi t-tort uniku tal-kollizjoni kien ta' Montebello anke jekk l-imputat kien qed jaghmel dik il-manuvra projbita izda bl-ebda mod ma gie ppruvat illi agixxa b'manjiera traskurata, bla kont jew perikoluza.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar it-tnax (12) ta' Frar 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Grima** intqal li: ***"Il-fatti - inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti... dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which maybe drawn by the tribunal of fact.***"

Illi ghalhekk din il-Qorti ghamlet dawn il-*presumptions of fact*, li johorgu mid-dinamika tal-incident u meta qieset u ghamlet apprezzament tal-fatti kollha li jirrizultaw mill-atti hija ma tistax tasal ghall-konkluzjoni dwar il-kolpevolezza tal-imputat.

Finalment a rigward il-hames (5) akkuza, wara li rat ir-Regolament 82 ta' LN65.11 ma tarax kif dan ir-regolament jista' jsib applikazzjoni fil-fatti ta' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Godwin Zarb** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**